# PROGRAMM TA' ĦIDMA TAL-IMSIEĦBA SOĊJALI EWROPEJ 2012-2014

## L-APPROĊĊ TAGĦNA

L-Unjoni Ewropea għaddejja mill-agħar kriżi tal-istorja tagħha. Wara li faqqgħet il-kriżi finanzjarja fl-2008, kriżi profonda qed theżżeż lil bosta stati Ewropej. Il-pajjiżi Ewropej qegħdin dejjem aktar jiffaċċjaw diffikultajiet biex isibu riżorsi u biex jadottaw politiki ekonomiċi u riformi neċessarji biex jirfdu t-tkabbir u l-impjiegi filwaqt li jiżguraw is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u s-sistemi tal-ħarsien soċjali.

L-isfidi li se jkollha tiffaċċja l-Ewropa fis-snin li ġejjin huma immensi. B'aktar minn 23.5 miljun ruħ qiegħda fl-UE, ir-rata tal-qgħad tal-UE hija fl-ogħla livell tagħha mill-bidu tas-snin disgħin. Biex tintlaħaq il-mira ta' rata ta' impjieg ta' 75% iffissata fl-istrateġija Ewropa 2020 hemm bżonn li jinħolqu 17.6 miljun impjieg ġdid.

L-Ewropa tista' tirnexxi biss jekk ikun hemm politiki makroekonomiċi b'saħħithom. Fl-istess waqt, jeħtieġ li jiġu investiti riżorsi bħala prijorità fi strateġiji sostenibbli li jgħinu t-tkabbir.

Sabiex jinħolqu aktar impjiegi u impjiegi aħjar, l-Ewropa teħtieġ swieq tax-xogħol li jaħdmu tajjeb u qawwa tax-xogħol bil-kwalifiki neċessarji. Iridu jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet xierqa tal-qafas biex ikunu żgurati opportunitajiet ta' impjieg għall-ħaddiema kollha u biex ikun hemm integrazzjoni, żamma u żvilupp tal-ħaddiema fis-swieq tax-xogħol Ewropej.

F'din is-sitwazzjoni eċċezzjonali, BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP, ETUC (u l-kumitat ta' *liasion* EUROCADRES/CEC) qed jiġu ppruvati. Is-suċċess tagħna se jitkejjel skont il-kapaċità tagħna li noffru soluzzjonijiet għall-problemi tas-swieq tax-xogħol tal-UE sabiex jikkontribwixxu għat-tkabbir, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali.

... F'livelli nazzjonali, reġjonali, lokali u settorjali, id-djalogu soċjali għandu rwol importanti biex joħroġ mid-diffikultajiet ekonomiċi u jaħtaf l-isfidi li qed jistennew lill-intrapriżi u l-impjegati. Għalhekk aħna konvinti li d-djalogu soċjali tal-UE jista' wkoll jikkomplementa u jibni fuq dawn il-livelli l-oħra u jrid ikun kapaċi jindirizza l-aktar kwistjonijiet diffiċli fi spirtu ta' kooperazzjoni.

Konxji mir-responsabbiltajiet tal-kompetenzi Ewropej fil-qasam tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali, aħna nimmiraw li nikkontribwixxu għal politiċi soċjali u tal-impjiegi b'saħħithom tal-UE. L-imsieħba soċjali Ewropej se jipparteċipaw attivament biex isawru d-dibattiti Ewropej dwar l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, b'mod li jaqdu l-ħtiġijiet ta' min iħaddem u l-ħaddiema. Nimmiraw ukoll li nwaqqfu qafas utli għal diskussjonijiet nazzjonali dwar il-politiki u r-riformi meħtieġa. F'dan ir-rigward, koordinazzjoni aħjar bejn l-UE u l-aġendi soċjali nazzjonali tista' tgħin biex jinkisbu riżultati għall-Ewropej.

Bħala msieħba soċjali Ewropej, ETUC (u l-kumitat ta' *liaison* EUROCADRES/CEC), BUSINESSEUROPE, CEEP u UEAPME huma impenjati f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet. Dan il-programm ta' ħidma 2012-14 huwa pilastru ewlieni tal-aġenda tagħna. Nistgħu niddeċiedu li naġġornawh fid-dawl ta' żviluppi futuri tal-UE. Barra minn hekk, aħna se

nkomplu nieħdu azzjonijiet f'livelli bipartit u tripartit skont proposti u inizjattivi li l-Kummissjoni tista' tressaq fil-ġejjieni qrib.

*****

NON-OFFICIAL TRANSLATION

Programm ta' Ħidma tal-Imsieħba Soċjali Ewropej 2012-2014

## L-ATTIVITAJIET TAGĦNA

Dan il-programm ta' ħidma jkopri perjodu ta' tliet snin mill-2012 sal-2014. Jinkludi l-kwistjonijiet u l-attivitajiet kif ġej:

### 1 Impjieg taż-żgħażagħ

B'aktar minn 22% taż-żgħażagħ qiegħda, hemm ħtieġa urġenti li din is-sitwazzjoni inaċċettabbli tiġi rimedjata. Is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ se tiġi vvalutata bħala prijorità. Aħna se niffokaw fuq ir-rabta bejn l-edukazzjoni, l-aspettattivi taż-żgħażagħ u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol billi nikkunsidraw it-tranżizzjoni taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, bi sforz biex jiżdiedu r-rati ta' impjieg b'mod ġenerali.

Se nagħmlu rakkomandazzjonijiet konkreti, fil-kuntest ta' qafas ta' azzjonijiet, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE. Din il-ħidma se tidħol fl-analiżi dwar l-impjiegi (Punt 2 infra). Se nikkontribwixxu wkoll għall-aġenda G20 dwar l-impjieg taż-żgħażagħ.

### 2 Analiżi profonda tal-impjieg

Se nwettqu analiżi tal-funzjonament tas-swieq tax-xogħol Ewropej, l-aktar billi naħdmu fuq l-analiżi konġunta tagħna tal-2007 u fatti/figuri maqbula. Din l-analiżi tindirizza l-isfidi fuq medda qasira li joħorġu mill-kriżi u minn kwistjonijiet strutturali. Irridu nifhmu r-raġunijiet għaliex xi politiki nazzjonali s'issa kienu kapaċi jegħlbu l-kriżi b'mod ħafna aktar effettiv minn oħrajn l-aktar f'termini ta' impjieg u ħiliet. Fuq din il-bażi, se naslu għal konklużjonijiet u nagħmlu rakkomandazzjonijiet konkreti lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE li se jiġu promossi u proposti mill-imsieħba soċjali Ewropej u nazzjonali.

### 3 Ugwaljanza bejn is-sessi

L-imsieħba soċjali jaqblu li hija meħtieġa azzjoni ulterjuri biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi li fadal bejn in-nisa u l-irġiel inkluża d-differenza fil-pagi bejn is-sessi. Biex jintlaħaq dan il-għan, l-imsieħba soċjali se jibqgħu jaġixxu skont l-erba' prijoritajiet maqbula fil-qafas ta' azzjonijiet tal-2005 dwar ugwaljanza bejn is-sessi li jibqgħu validi u essenzjali. Huma se jibnu fuq esperjenzi ta' suċċess identifikati f'livell ta' intrapriża fl-implimentazzjoni tal-qafas ta' azzjonijiet bħal ma hi l-għodda biex jiġu ffissati l-miżuri.

### 4 Edukazzjoni u tagħlim tul il-ħajja

L-iżvilupp kontinwu tal-kompetenzi u l-ksib tal-kwalifiki huma interess u responsabbiltà komuni għal min iħaddem, l-impjegati u l-awtoritajiet pubbliċi. Għall-intrapriżi, aċċess għal u l-iżvilupp ta' qawwa tax-xogħol imħarrġa hija waħda mill-kundizzjonijiet għall-innovazzjoni u l-kompetittività. Għall-ħaddiema, il-ksib, l-aġġornament u l-iżvilupp ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi relevanti matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom huwa l-aktar mod effettiv biex isibu u jibqgħu fl-impjieg.

Fl-2002, l-imsieħba soċjali Ewropej adottaw qafas ta' azzjonijiet dwar l-iżvilupp tul il-ħajja ta' kompetenzi u kwalifiki. Dan il-qafas ta' azzjonijiet jibqa' validu fis-sitwazzjoni preżenti fl-erba' prijoritajiet tiegħu. Madankollu, iż-żewġ kwistjonijiet li ġejjin nibtu wara l-2002: 1) Ħtiġijiet ta' ħiliet f'ekonomiji aktar ħodor; 2) aġġornament u titjib tal-ħiliet ta' ħaddiema ikbar fl-età fil-kuntest ta' ħajjiet ta' xogħol itwal. Se nieħdu azzjoni fuq dawn iż-żewġ kwistjonijiet u bħala bażi se nużaw il-matriċi eżistenti ta' erba' prijoritajiet.

5 Mobbiltà u migrazzjoni ekonomika

Kif ġie miftiehem qabel fil-programm ta' ħidma 2009-2010, aħna se nindirizzaw b'mod konġunt kwistjonijiet ta' mobbiltà u migrazzjoni ekonomika u se nippromwovu l-integrazzjoni ta' ħaddiema migranti fis-suq tax-xogħol u fuq il-post tax-xogħol sabiex jiġu identifikati azzjonijiet konġunti possibbli.

6 Implimentazzjoni u impatt aħjar tal-istrumenti ta' djalogu soċjali

L-evalwazzjoni konġunta tar-"riżultati u l-isfidi tad-djalogu soċjali" mwettqa fl-2011 turi li ħafna msieħba soċjali għandhom opinjoni pożittiva tal-kisbiet passati fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' qafas awtonomi. Min-naħa l-oħra, l-imsieħba soċjali Ewropej irrikonoxxew li l-impatt u/jew l-implimentazzjoni ta' strumenti ta' djalogu soċjali differenti jeħtieġ li jitjiebu, b'mod partikolari f'xi pajjiżi. Kif miftiehem fil-qafas tal-programmi ta' ħidma 2006/2008 u 2009/2010, u fuq il-lezzjonijiet li tgħallimna minn proċessi ta' implimentazzjoni preċedenti u fuq is-sejbiet tas-seminars tal-2012 dwar din il-kwistjoni, b'mod konġunt se niżguraw impatt u/jew implimentazzjoni aħjar tal-istrumenti ta' djalogu soċjali tal-UE mal-Ewropa kollha.

7 Kapaċità tal-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali

Id-djalogu soċjali jeħtieġ organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali qawwija biex ikun hemm riżultati pożittivi. Fil-passat wettaqna proġett ta' suċċess biex ngħinu l-imsieħba soċjali tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. F'xi Stati Membri hemm bżonn aktar sforzi. Aħna se nivvalutaw u nagħmlu rakkomandazzjonijiet sabiex nottimizzaw il-mod li bih il-Fond Soċjali Ewropew jista' jikkontribwixxi għal dan. Barra minn hekk, qed nikkonsidraw azzjoni konġunta biex nappoġġjaw il-bini tal-kapaċità tal-imsieħba soċjali fix-xtut tan-Nofsinhar tal-Mediterran, b'mod partikolari dawk li għadhom kif esperjenzaw il-bidla tar-reġim fir-"Rebbiegħa Għarbija".

8 Governanza ekonomika u soċjali tal-UE

Il-governanza ekonomika tal-EU tmiss il-kompetenzi tal-imsieħba soċjali, fosthom fi kwistjonijiet bħall-pagi, pensjonijiet u spejjeż tax-xogħol li huma fil-qalba tas-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali fl-Istati Membri.
Għalhekk, aħna se nniedu riflessjoni fil-kumitat dwar id-djalogu soċjali bl-għan li tiġi ddefinita viżjoni komuni dwar il-konsegwenzi li d-dibattitu kurrenti dwar il-governanza ekonomika Ewropea se jkollu fuq id-djalogu soċjali f'livelli tal-UE u dawk nazzjonali, u bil-għan li jiġu żviluppati rakkomandazzjonijiet possibbli f'livelli relevanti.

*************